# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 730/94 AJM

Kawza numru

Ian Ellis u Josephine Ellis

Vs

Francis Vella u l-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista jkollhom u b'sentenza tat-13 ta' Marzu 1995 il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju u b'digriet tal-15 ta' Novembru 1995 gew kjamati fil-kawza il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-26 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fl-4 ta' Frar 1983 huma soffrew serqa ta' diversi oggetti mobili li taghhom huma l-proprjetarji u dana mill-fond

maghruf bhala “Ballut Cottage” il-Wardija, limiti ta’ San Pawl l-Bahar; illi dawn l-oggetti li lista taghhom tinsab hawn annessa bhala dokument A, gew misjuba mill-Pulizija fil-pussess tal-konvenut Francis Vella, li elevathom, flimkien ma’ oggetti ohra proprjeta’ ta’ terzi u llum jinsabu esebiti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Daniel Gatt) vs Francis Vella” Qorti ta’l-Appell Kriminali differita 31.05.94, u huma mizmuma taht l-awtorita’ tal-konvenut Registratur tal-Qorti fl-edificju tal-Qorti; illi l-konvenut Francis Vella gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bir-reat ta’ serq jew ricettazzjoni tal-oggetti li gew misruqin minghandhom u permezz ta’ sentenza moghtija fis-26 ta’ Ottubru 1992 ‘inter alia’ gie misjub hati tal-istess akkuzi mill-istess qorti, pero’ appella mill-istess sentenza u l-appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u jinsab differit ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 1994; illi l-atturi jixtiequ jiehdu lura l-oggetti mobili imsemmija proprjeta’ taghhom, talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-oggetti kollha mobili indikati fl-anness dokument ‘A’ u dawk l-oggetti l-ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huma ta’proprjeta’ esklusiva ta’ l-atturi;
2. tordna lill-istess konvenuti sabiex jikkonsenjaw lura lill-atturi l-imsemmija oggetti mobili.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru tallum stess fl-ismijiet premessi kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut Francis Vella presentata fis-26 ta' Lulju 1994 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok it-tieni talba hija rritwali fil-konfront tieghu peress li l-atturi stess jafu illi l-oggetti msemmija huma taht il-kustodja tal-Qorti u dana skond il-ligi u ghaldaqstant huwa qatt ma jista' jigi ordnat jikkonsenja l-istess oggetti lill-atturi.
2. Fit-tieni lok huwa kontestat li l-oggetti mobili indikati fid-dokument huma proprjeta tal-atturi peress illi l-istess Francis Vella xtara l-oggetti in buona fede bhal ma jixtru diversi nies ohra oggetti ta' antikita'.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Vella.

Rat in-nota tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qrati presentata fit-8 ta Awissu 1994 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni ta' l-atturi hija rrita u nulla fil-konfront taghhom stante li ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest kif rikjest mill-artikolu 460 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
2. Illi din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tiddecidi fuq it-talbiet ta' l-atturi billi jinsabu ghaddejjin proceduri kriminali kontra Francis Vella fejn hemm ezebiti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-oggetti mitluba mill-atturi.
3. Illi l-azzjoni ta' l-attur hija intempestiva stante li ghadhom ghaddejjin proceduri kriminali kontra l-konvenut l-iehor Francis Vella u kwindi l-oggetti reklamati mill-atturi ghadhom taht l-awtorita' tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
4. Illi kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll ir-Registratur tal-Qorti mhumiex il-legittimi kontradittturi f'din l-azzjoni.

5. Illi fil-mertu, t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-imsemmija konvenuti.

Rat is-sentenza taghha tat-13 ta' Marzu 1995 li permezz taghha wara li giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Kummissarju al-Pulizija u Registratur tal-Qorti, dawn gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Registratur tal-Qorti gew kjamati in kawza u dan wara li l-attur ottempera ruhu mal-provvediment tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-kjamti fil-kawza Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qorti presentata fit-8 ta' Frar 1996 li permezz taghha gew moghtija l-istess eccezzjonijiet hawn fuq riportati hlief fil-kaz ta' l-ewwel eccezzjoni fejn issa qed jinghad illi l-kjamata in kawza taghhom tosta l-awtorita' tar-*res iudicata* billi din il-Qorti b'sentenza tat-13 ta' Marzu 1995, li ghaddiet in gudikat, kienet illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat is-sentenza preliminari taghha tal-15 ta' April 1996 meta l-eccezzjoni fuq imsemmija tal-kjamati fil-kawza giet michuda.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-4 ta' Frar 1983 saret serqa mill-fond fil-Wardija maghruf bhala "Ballut Cottage". Dak iz-zmijiet dan il-fond kien proprjeta' ta' certu Richard maghruf bhala Dickey Ellis izda dan sussegwentement miet u wirtuh l-atturi.

L-atturi pprezentaw lista li giet annessa mac-citazzjoni u markata bhala Dokument A, fejn gew elenkati diversi effetti mobili li naqsu f'dik l-okkazzjoni u li huma, ossia l-awtur taghhom Richard Ellis, kien gharaf bhala appartenenti lilu wara investigazzjoni li saret mill-pulizija u wara li diversi effetti mobili gew elevati mill-pussess tal-konvenut Francis Vella. Issa per mezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu li huma jigu dikjarati proprjetarji tal-effetti indikati fil-lista imsemmija kif ukoll ta' dawk l-effetti mobili l-ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Fil-fatt mix-xhieda ta' l-attur riportata a fol 102 u dik li tidher a fol 110 jirrizulta li apparti l-oggetti imsemmija fid-dokument A, gew maghrfa effetti mobili ohra u cioe dawk li fil-lista tal-pulizija huma indikati bhala "Items" DG-269 – konsistenti f'arlogg amerikan tal-kampnar, u DG-287, konsistenti f'lampa tal-pitrolju hadra cara.

L-attur Ian Ellis fl-udjenza tas-7 ta' April 1995 xhed hekk "Qed nara d-dokument a fol 5 tal-process u nikkonferma li l-items li (gew) indikati fl-istess dokument huma l-oggetti li gew misruqa minn ghandna u sa fejn naf jien dawn kienu gew elevati minghand il-konvenut u depozitati l-Qorti." Sussegwentement ghal din id-dikjarazzjoni l-attur ppresenta diversi ritratti tad-dar minn fejn kienu insterqu l-oggetti u liema ritratti kienu ittiehdu minn Richard Ellis. F'dawn ir-ritratti huwa indika l-oggetti imsemmija fid-dokument A kif ukoll zied dawk l-oggetti l-ohra hawn fuq imsemmija u li ma kienux jifformaw parti mill-istess lista originali. Barra minn hekk l-attur ressaq diversi xhieda bhal ma huma Joe Paris, il-Perit

Louis Busuttil u Dr. Francis Lanfranco, liema persuni kienu mithla tal-fond minn fejn saret is-serqa u ftit jew wisq ikkonfermaw dak li sostna l-attur.

Fl-affidavit tieghu presentat fil-15 ta'Ottubru 1996 (fol 62) il-konvenut wara li, b'mod generali u minghajr dettalji, ddeskriva l-hajja tieghu fil-kamp tal-antikwarjat, stqarr hekk:
"Jiena ghalhekk niddikjara bil-gurament illi l-oggetti ndikati mill-atturi li huma taghhom kif ukoll l-oggetti kollha l-ohra li jinsabu maqbudin taht l-awtorita' ta' l-Qorti huma kollha proprjeta' tieghi ghaliex xtrajthom matul iz-zmien kif xehed aktar '1 fuq."

Barra minn hekk il-konvenut Vella waqt access mizmum fl-istores tal-Qorti fil-25 ta' Marzu 1997, wara li gew identifikati l-effetti kollha imsemmija fid-dokument A xhed dwar il-provenjenza ta' kull oggett imsemmi billi semma minghand minn dawn kienu gew akkwistati. L-akkwisti skond l-konvenut kienu saru minn diversi sorsi u cioe minghand Salvina Aquilina, certu xebba Casolani, minn Naafi, certu Formosa ta' Censa House tal-Furjana, certu Kaptan George Smith u minn fuq il-Monti. Il-konvenut flimkien ma l-affidavit fuq imsemmi ppresenta fotokopja ta' ircevuta allegatament rilaxxata minn Salvina Aquilina minn fejn jidher li l-konvneut fin 1983 (u cioe s-sena tas-serqa) kien xtara minghand din il-persuna diversi oggetti, bhal ma huma arloggi ta' mal hajt, vazuni, ornamenti tal-porcellana ecc. bil-prezz komplessiv ta' LM8,800.

Din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti mill-kontendenti hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-attur hija aktar kredibbli billi din hija korroborata mir-ritratti ezebiti u mix-xhieda minnu prodotti. Inoltre

jidher mix-xhieda tas-Supretendent Gatt li l-istess konvenut Vella ammetta li diversi oggetti li gew elevati mid-dar tieghu "*kienu gew akkwistati mhux bis-sewwa.*" Fatt dan li jitfa' certa del fuq x-xhieda ta' l-istess konvenut u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra li tippronunzja ruhha favur l-ewwel talba attrici salv dak li ser jinghad hawn taht fir-rigward ta' xi effetti partikolari.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-konfront tal-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u r-Registratur tal-Qorti, din il-qorti taghmel piena referenza ghal konkluzzjonijiet raggunti minnha fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Maurice Meli Bugeja proprio et nomine et vs Francis Vella et" Citazzjoni numru 480/97 u ghalhekk sejra tipprovdi fil-parti disposittiva a tenur tal-istess decizjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ahharnett trid tigi hawn ukoll ezaminata is-sottomissjoni maghmula mid-difensur tal-konvenut Francis Vella fis-sens li l-prova tal-proprjeta' tal-effetti mobili tispetta lill-atturi u f'kaz ta' konflitt bejn dak li qed isostnu l-atturi u terzi persuni, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba attrici.

Minn ezami tal-provi prodotti jidher li whud mill-oggetti elenkati fil-lista Dokument A (fol 5) u dawk imsemmija sussegwentement kif inghad hawn fuq, qeghdin jigu reklamati minn persuni ohra senjatament l-konjugi Gera de Petri Testaferrata Bonici fir-rigward tal-partiti indikati bhala dokumenti DG-98, DG-119, (inkorrettament indikat fil-lista Dok A

bhala DG-199), DG-173, DG-222, DG-224, DG-231, DG-249, u DG-269. Filwaqt li l-familja Meli Bugeja qedha tirreklama bhala taghha l-oggetti indikati bid-dokument numri DG-7, DG-35, DG-42, DG-44 u DG-61.

Ghalhekk jibqa' mhux kkontestat l-effetti mobili li huma indikati bid-dokument numri J-2, DG-58, DG-74, DG-75, DG-78, DG-84 (inkorrettament indikat bhala DG-85), DG-88, DG-91, DG-92, DG-106, DG-287, DG-426 u DG-427.

Illi kif gja kellha okkazzjoni tesprimi ruhha din il-Qorti fis-sentenza tas-26 ta' Jannar fil-kawza ta' Maurice Meli Bugeja, "din il-Qorti ma tistax, fic-cirkostanzi, tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward ta' dawn (l-effett)" u dana ukoll billi l-pretendenti tal-imsemmija oggetti ma jaghmlux parti minn dawn il-proceduri u ghalhekk ma jistawx jigu ezaminati u determinati finalment il-pretensjonijiet ta' kull parti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi (a) tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Vella, (b) tichad it-tieni, u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Registratur tal-Qorti, u (c) filwaqt li tilqa' it-tielet eccezzjoni taghhom cioe dik ta' l-intempestivita' limitatament ghat-tieni talba attrici, tiddikjara u tiddecidi li l-atturi huma proprjetarji tal-oggetti elenkati fil-lista ta' l-ezebiti quddiem il-Qorti Kriminali u li jinsabu indikati bhala dokumenti J-2, DG-58, DG-74, DG-75, DG-78, DG-84, DG-88, DG-91, DG-92, DG-106, DG-287, DG-426 u DG-427, u tirriserva kull dritt spettanti lill-atturi fil-konfront tal-oggetti mobili l-ohra kollha li dwarhom hemm talbiet kontrastanti minn terzi persuni. Fl-ahharnett tichad it-tieni talba attrici billi intempestiva.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jithallsu hekk: dawk tas-sentenzi preliminari gja moghtija kif fuq riportat skond ma gie deciz fl-istess sentenzi, dawk relattivi ghall-ewwel talba attrici mill-konvenut Francis Vella, u dawk li jikkoncernaw it-tieni talba attrici mill-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri